**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

# Seduta numru 40 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tnejn 20 ta' Frar 2012

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Kommunikazzjonijiet*
4. *Ftuħ ta' Kwotazzjonijiet u Tender*
5. *Approvazzjoni tal-Fincial Estimates*
6. *Performance Appraisals tal-Ħaddiema Amministrattivi*
7. *Affarijiet Mixxellanji*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said, il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

Għall-ewwel parti tal-laqgħa, waqt li nfetħu il-kwotazzjonijiet u t-tenders, kienu preżenti ukoll is-Sur Frankie Mifsud u is-Sur Jonathan Vella, akkumpanjat mis-sinjura tiegħu.

Peress li kien hemm il-kwotazzjonijiet u tenders x' jinfetħu sar qbil unanimu li s-seduta timxi mill-ewwel għall-punt 4 tal-Aġenda.

## 4. Ftuħ ta' Kwotazzjonijiet u Tender

L-offerti għall-kwotazzjonijiet u tender ġew miġbura mill-kaxxa msakkra mis-Segretarju Eżekkuttiv flimkien mas-Sindku u s-Sur Clayton Gauci. Kienu preżenti ukoll is-Sur Frankie Mifsud u s-Sur Jonathan Vella, hekk kif spjegat aktar 'il quddiem.

Dawn huma l-offerti li l-Kunsill irċieva :

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K1 : Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Lattrini Pubbliċi ta' Ġnien Skorba, L-Imġarr**

  Il-Kunsill irċieva 6 offerti għall-din, hekk kif jidher hawn taħt:

  Jane Vassallo (offerta mingħajr rata)
  Jonathan Vella
  Christian Galea
  K.V. Services
  Frankie Mifsud
  Euroclean Waste Services.

  Irrizzulta li Euroclean Waste Services kienu qegħdin joffru l-aktar offerta vantaġġjuża u għalhekk ser issir appuntament biex jiġi diskuzz is-servizz tagħhom.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K2 : Proviżżjon ta' sinjal ta' 'Merħba' fil-lokalita'**
  Il-Kunsill irċieva offerta waħda, mingħand Sign Services. Il-Kunsill ra li l-offerta tilqa' it-talbiet rikjesti fit-talba u b' hekk kien hemm qbil unanimu li tintlaqa' din l-offerta.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K3 : Servizz ta' rinnovament taż-żebgħa tal-iskrizzjonijiet ta' monumenti u lapidi kommemorattivi fil-lokalita'.**
  Ma kien hemm l-ebda' offerta għall-din is-sejħa.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K4 : Servizz ta' tqassim ta' materjal ta' informazzjoni fir-residenzi kollha tal-lokalita'.**
  Kien hemm offerta waħda għall-din is-sejħa, mingħand Mailbox Servicews Group. Il-Kunsill ra li l-offerta kienet skond il-prerekwiżiti tat-talba u li l-offerta kienet waħda vantaġġjużi u għalhekk kien ser jilqa' din it-talba. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K5 : Servizz ta' modifika fil-magna tal-vann tal-Kunsill**
  Ma kien hemm l-ebda' offerta għall-dan. Għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed ifittex kwotazzjonijiet oħra għall-dan ix-xogħol, peress li dan hu xogħol urġenti.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K6 : Proviżżjon ta' viti ta' l-ilma bil-'push-button' għal-lattrini pubbliċi**
  Il-Kunsill irċieva offerta waħda mingħand is-Sur Frankie Portelli. . Il-Kunsill ra li l-offerta kienet skond il-prerekwiżiti tat-talba u li l-offerta kienet waħda vantaġġjużi u għalhekk kien ser jilqa' din it-talba. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K7 : Proviżżjon ta' servizz ta' tindif tal-bini amministrattiv**
  Il-Kunsill irċieva 3 offerti għall-din it-talba, mingħand:
  Elizabeth Borg Cardona
  Eugenia Mifsud
  Gafa' Saveways Ltd.

  Il-Kunsill qabel li ssir intervista lill-dawn it-tliet persuni/kumpaniji biex ikun f' pożizzjoni li jevalwa aħjar.

- **Tender MGR 2012/01 – Provizjon ta' Servizz ta' 2 Handymen**
  Il-Kunsill irċieva 2 offerti għall-dan is-servizz, mingħand :
  Paul Grech
  Joseph Sammut

  Dawn huma iż-żewġ handyman li għandu il-Kunsill fil-preżent u ilhom jaħdmu għall-numru konsiderevoli ta' żmien. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jevalwa l-proposta tagħhom fil-ġranet li ġejjin.

Hawnhekk il-Kunsill qabel li jkompli jimxi fuq l-aġenda bill-jmur għall-punt 1.

**1 Minuti**

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

*Punti mill-Minuti*

1.2 dwar punti 5.1 – is-Sindku informa li dwar il-proġett tal-Għasfura kienet ser issir laqgħa fil-ġranet li ġejjin sabiex tiġi annalizzata l-aħjar mod kif dan il-proġett għandu jimxi.

1.3 dwar punt 6.1 – Eman Vella informa li kienet ser issir laqgħa bejnu, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jitkompla l-ippjanar għall-konferenza Cypfire.

1.4 dwar punt 7.3 – Is-Sindku informa li l-Kunsill kien qiegħed jistenna mingħand il-Kumpanija tal-Insurance biex tagħti l-informazzjoni neċċessarja dwar it-talba għall-użu ta' attivita' sportiva fil-barriera f' Ta' Falka.

1.5 dwar punt 7.1 – Is-Sindku informa li Cyrus Engerer kien ġie l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li Engerer ikkonferma li l-Claim ma marritx quddiem il-PPCD.

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

1.6 dwar punt 7.8 – dwar il-punt li qajjem Giovann Gatt dwar Triq il-Palma, is-Sindku inofrma li ser ikun qed ikellem lil-Perit biex jigwida lil Kunsill fuq l-aħjar azzjoni fiċ-ċirkostanzi.

**2 Korrispondenza**

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*. Dawn ġew diskussi u ttieħdu deċiżjonijiet dwarhom.

2.3 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li kien sar xogħol ta' iffriskar ta' linji fit-toroq fl-inħawi ta' Triq il-Vanilja, Triq il-Ħarruba u Triq il-Ġulepp.

**4. Ftuħ ta' Kwotazzjonijiet u Tender**

4.1 Dan il-punt tmexxa għall-ewwel parti tas-Seduta

**5. Approvazzjoni tal-Financial Estimates**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Estimi Finanzjarji hekk kif ippreparati mill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani. Dawn l-estimi ġew diskussi u fl-aħħar approvati bi' qbil unanimu mill-Kunsill. Id-dokumenti ġew iffirmati kemm mis-Sindku kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv. Dawn ser jiġu sottomess lill-Uffiċċju tal-Awditur Nazzjonali kif ukoll lill-kumpanija tal-Awditjar, 3A Accountants.

**6. Performance Review tal-Ħaddiema Amministrattivi**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ Performace Reviews taż-żewġ ħaddiema Amministrattivi tal-Kunsill. Saret diskuzzjoni dwar il-ħidma tagħhom u kien hemm kummenti pożittiv. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li dawn il-ħaddiema jingħataw 6% bħala Performance Bonus għax-xogħol tagħhom matul l-2011.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

**7. Laqgħa tal-Kommunita' – Il-Ġimgħa 24 ta' Frar**

7.1 Is-Sindku semma' l-aħħar preparamenti li kienu qed isiru għall-Laqgħa tal-Kommunita' fi' tmiem il-Ġimgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jaħdem dwar ir-rapport amministrattiv. Intbgħatu 'fliers' fir-residenzi kollha sabiex in-nies tal-lokal ikunu informati u mħeġġin jattendi.

**8. Affarijiet Mixxellanji**

8.1 Is-Sindku informa li kien irċieva talba mingħand Karl Borg events sabiex ssir mega-slide minn fuq il-Qarraba għall-ġol baħar. L-informazzjoni miġbura kienet li din kienet ser tkun avveniment ta' darba. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ddeċieda, sakemm l-organizzattur iġibu l-permessi neċċessarji kollha kif titlob il-liġi kif ukoll jidħlu responsabbli għall-kull dannu li jista' jsir, il-Kunsill ma kien issib l-ebda' oġġeżżjoni għall-dan l-avveniment.

8.2 Giovanni Gatt irrapporta li kien hemm bżonn ta' sprall fi' Triq ta' Mrejnu biex jinġabar l-ilma tax-xita li jkun hemm fl-inħawi. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jara x' l-aħjar li jsir.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8:50pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 5 ta' Marzu 2012 fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku